# JUM DINJI TAT-TFAL 2024

Kummissarju għat-Tfal

Commissioner for Children

# PJAN GĦAL LEZZJONI PRIMARJA

L-20 ta' Novembru huwa l-Jum Dinji tat-Tfal, jum li hu mfakkar minn kulħadd mad-dinja kollha. Huwa jum ta' azzjoni għat-tfal li jimmarka l-adozzjoni tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Dan il-jum, li ġie stabbilit mill-Ġnus Magħquda, huwa ċċelebrat kull sena biex jippromwovi d-drittijiet u l-benesseri tat-tfal u s-solidarjetà globali għalihom.

Kull sena, il-Jum Dinji tat-Tfal jiffoka sabiex iqajjem kuxjenza dwar affarijiet li jaffettwaw lit-tfal madwar id-dinja, bħalm'huma l-edukazzjoni, is-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri. Dan il-jum iħeġġeġ lil kulħadd, minn gvernijiet sa għaqdiet u individwi, biex jingħaqdu biex joħolqu dinja aħjar għat-tfal.

It-tema għal din is-sena hija Isimgħu l-futur! Jekk nisimgħu lit-tfal, nistgħu nwettqu d-dritt tagħhom li jesprimu ruħhom, nifhmu l-ideat tagħhom għal dinja aħjar u ninkludu l-prijoritajiet tagħhom fl-azzjonijiet tagħna llum.

Skont dan kollu, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ħoloq toolkit li jippromwovi d-dritt tat-tfal għall-parteċipazzjoni u li jsostni l-iskejjel biex ifakkru l-Jum Dinji tat-Tfal. Dan it-toolkit fih żewġ vidjows (wieħed għall-Primarja u wieħed għall-Iskola Medja/Sekondarja) kif ukoll pjan ta' lezzjoni li jmur mal-vidjows.

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal jirringrazzja lill-edukaturi kollha tas-sapport tagħhom fil-promozzjoni ta' dan il-jum importanti!

# Pjan għal Lezzjoni Jum Dinji tat-Tfal

**Livell:** snin 3 sa 6
**Ħin:** 45 minuta sa siegħa
**Riżorsi:** filmat, folji tal-karta A4, kuluri/markers

## 1 - Riżultati ta' Tagħlim:

- Kapaċi nagħraf u nispjega d-drittijiet tat-tfal, partikolarment id-dritt għall-parteċipazzjoni.
- Kapaċi nitkellem dwar sitwazzjonijiet differenti fejn l-adulti għandhom jisimgħu lit-tfal.
- Kapaċi nagħraf kif l-ideat u l-esperjenzi tiegħi jistgħu jagħmlu differenza.

## 2 - Intenzjoni ta' Tagħlim:

- Kapaċi nitħaddet dwar id-drittijiet tat-tfal u kif l-ideat tiegħi jistgħu jħallu impatt pożittiv.

## 3 - Kriterji ta' Suċċess:

- Kapaċi niddeskrivi d-dritt għall-parteċipazzjoni u għalfejn dan hu importanti għat-tfal.
- Kapaċi nagħti eżempji ta' sitwazzjonijiet fejn l-adulti għandhom jisimgħu l-ideat u l-fehmiet tat-tfal.
- Kapaċi nagħraf kif l-ideat u l-azzjonijiet tiegħi jistgħu jikkontribwixxu għall-bidliet pożittivi fl-iskola u l-komunità tiegħi.

# 4 - Kelmiet Ewlenin:

Drittijiet
Parteċipazzjoni
Impatt

# 5 - Introduzzjoni: 15-il minuta

- Ibda l-lezzjoni billi tikteb 'drittijiet tat-tfal' fuq il-bord.
- Stieden l-istudenti jħabblu moħħhom biex tara x'qed jifhmu bil-kelma 'drittijiet'.
- Għarraf lill-istudenti li l-lezzjoni tal-lum hija dwar Il-Jum Dinji tat-Tfal, li huwa ċċelebrat fl-20 ta' Novembru.
- Agħti definizzjoni ta' Drittijiet tat-Tfal lill-istudenti: Id-Drittijiet tat-Tfal huma l-affarijiet li kull tifel jew tifla taħt it-18-il sena għandu/ha jkollu/ha biex j/taqdi l-bżonnijiet tiegħu/tagħha. Dawn jinkludu d-dritt li jkunu siguri, li jmorru l-iskola, li jkollhom biżżejjed x'jieklu, li jkollhom familja li tieħu ħsiebhom, li jkunu f'saħħithom, u li jistrieħu u jilagħbu. It-tfal għandhom ukoll id-dritt li jkunu parti mid-deċiżjonijiet meħudin mill-adulti.

# 6 - Parteċipazzjoni tat-Tfal: 15-il minuta

- Uri l-vidjow lill-istudenti tal-Iskola Primarja.
- Staqsi lill-istudenti jisiltu l-messaġġi ewlenin li ġibdu l-attenzjoni tagħhom waqt il-vidjow.
- Staqsi lill-istudenti jagħtu eżempji minn ħajjithom meta jħossu/jaħsbu li t-tfal għandhom jinstemgħu mill-adulti.

# 1 - Diskussjoni: 15-il minuta

- Spjega lill-istudenti li l-Artiklu 12 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal (id-dokument li jelenka d-drittijiet tat-tfal) jgħid li: Għandek id-dritt li taqsam il-ħsibijiet u l-ideat tiegħek, u l-adulti għandhom jirrispettaw u jqisu dak li int tgħid meta jieħdu deċiżjonijiet li jolqtuk. Dan ma jfissirx li l-adulti jridu dejjem jagħmlu dak li jgħidu t-tfal. Il-parteċipazzjoni tat-tfal tistrieħ fuq il-komunikazzjoni fejn l-adulti jisimgħu lit-tfal u jispjegawlhom għalfejn jittieħdu ċerti deċiżjonijiet.

- Stieden l-istudenti biex jaħdmu tnejn tnejn jew tlieta tlieta u biex jiddiskutu dan li ġej:



  - Meta u fejn tħoss li tista' tesprimi l-opinjoni tiegħek?
  - Xi jġiegħlek tħossok komdu li taqsam l-opinjoni tiegħek?
  - Kif taħseb li l-adulti jisimgħu lit-tfal u fejn taħseb li dan jista' jitjieb?
  - X'tista' tagħmel jekk tħoss li l-adulti mhumiex qed jisimgħuk?

- Stieden kull grupp sabiex jaqsmu l-ideat tagħhom mal-grupp sħiħ.

# 8 - Konklużjoni:

- X'tgħallimna llum?
- Tista' ssemmi ħaġa waħda li tista' tagħmel biex taqsam l-ideat jew l-opinjonijiet tiegħek, sew jekk hux fl-iskola, id-dar jew fil-komunità?
- Tista' ssemmi eżempju wieħed fejn taħseb li l-ideat jew l-opinjonijiet tiegħek mhux qed ikunu mismugħa?

Erġa' dur il-punti ewlenin tad-drittijiet tat-tfal u l-importanza li t-tfal jinstemgħu u jipparteċipaw

It-tfal għandhom dritt li jaqsmu l-ideat u l-esperjenzi tagħhom, dan għandu jsir b'mod rispettuż. Għandna dejjem niżguraw li kulħadd ikollu ċans jitkellem u rridu nisimgħu u nifhmu lil xulxin.

Ħeġġeġ it-tfal iżuru empoweringchildren.gov.mt sabiex jaċċessaw informazzjoni tajba għat-tfal dwar il-pjanijiet tal-Gvern. It-tfal jistgħu wkoll jgħidu x'jaħsbu dwar id-drittijiet tat-tfal permezz ta' din l-app.

# Attività ta' Follow-up (jekk trid)

Charter tal-Parteċipazzjoni tat-Tfal – ipprovdi karta A4 vojta lill-istudenti u stedinhom biex ipinġu stampa jew jiktbu sentenza fuq x'jaħsbu jista' jsir jekk iħossu li mhux qed jinstemgħu. Agħmel spazju fil-klassi u dendel l-istampi/sentenzi ħdejn xulxin.